**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Gunju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Edel Mary Camilleri**

**Vs**

**Raymond Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Raymond Micallef, ta' 54 sena, iben late Nicholas u late Carmelina nee' Grech, imwieled Qormi, nhar it-28 t'Ottubru 1960, residenti 10, Narbona House, Triq l-Gharmier, Qormi, Malta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 713860(M);

Talli fil-25 ta' Jannar, 2015, gewwa l-Marsa, Malta, jew/u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'ghemil zieni kkorrompa lil Ibrahima Diallo, minorenni ta' sbatax-il sena;

2) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-

setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Ibrahima Diallo minorenni ta’ sbatax-il sena, kontra l-volonta’ tieghu sabiex bhala persuna igieghelha taghmel toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3) U aktar tallifl-istess zmien, lok u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq Ibrahima Diallo, minorenni ta’ sbatax-il sena;

4) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Ibrahima Diallo biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien u bniet;

5) U aktar tali fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Ibrahima Diallo skond ma ccertifikah Dr. M. Schembri numru tar-registrazzjoni mediku 1460mill-poliklinika tal-Furjana;

6) Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza cioe’ ta’ Ibrahima Diallo jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-imsemmija minuri minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fid-data u l-hin indikati, meta waqqaf il-vettura u rikkeb lil Ibrahima Diallo, persuna ta' sbatax-il sena mis-Senegal, residenti l-Fgura. Diallo ried imur lejn Hal Far, u l-imputat avvicinah u offrielu li jwasslu s'hemm. Diallo irrapporta lill-Pulizija li l-imputat, waqt li kien qed isuq, beda jipprova jimmolestah sesswalment, tant li spicca harab mill-vettura u kompla triqtu bil-mixi. Ghalhekk l-imputat gie arrestat u interrogat, u rrilaxxa stqarrija u tressaq b'arrest taht dawn l-akkuzi.

Illi din il-kawza hija wahda ta' kredibilita'. Il-Qorti hi konvinta li l-verzjoni li ta Diallo hija kredibbli ghal kollox, u dejjem kien konsistenti fix-xiehda tieghu anke in kontro-ezami. L-imputat, ghalkemm jinnega l-akkuzi, ma jikkonvincix lill-Qorti bil-verzjoni tieghu. Fl-istqarrija tieghu jinnega li immolesta lil Diallo, izda ighid li rikkbu fil-vettura u wasslu sal-Marsa, fejn qallu biex iwaqqfu kif fil-fatt ghamel. Ghalhekk, ghall-imputat, hu m'ghamel xejn u ma gara xejn. Min-naha tieghu, Diallo kien konsistenti u baqa' jaghti l-istess verzjoni fid-dettalji kollha minghajr ma jvarja xejn, kemm *a tempo vergine* meta ghamel ir-rapport mal-Pulizija. Kemm fl-istadju tax-xiehda tieghu, kif ukoll fl-istadju ta' kontro ezami, li kien sar snin wara l-incident.

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta li l-imputat ghandu jinstab hati ta' dawn l-akkuzi. L-unici akkuzi li ma rrisultawx lill-Qorti huma dawk tal-feriti hfief sofferti minn Diallo, u dik tal-biza' li tintuza vjolenza, peress illi ma kien hemm ebda 'course of conduct' fuq tul ta' zmien izda kien incident ta' darba. Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta, u ghalhekk biss sejra taghti piena ta' prigunerija li, izda, m'hix ser tiddahhal fis-sehh izda ser tinzamm sospiza ai termini tal-ligi. Inoltre l-Qorti sejra tordna wkoll li isem l-imputat jitnizzel fir-Registru ta' "Sex Offenders" skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c)(g), 203(1), 207, 214, 221(1), 251B(1) u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 6(2) tal-Kap 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tar-4 u l-5 akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

In oltre din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li isem l-imputat jitnizzel u jinzamm fir-Registru ta' "Sex Offenders" skond il-ligi.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**